MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2006

Numru 421/2003

Il-Pulizija
(Supretendent Neil Harrison)

vs

omissis
Elton Brincat
Silvio Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ 461878M, u 163884M rispettivament, akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer fis-16 ta’ Mejju 2003 u matul l-ahhar granet qabel din id-data:

- kellhom fil-pussess taghhom r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom

omissis;

L-imputat Elton Brincat akkuzat ukoll talli kiser kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-13 ta' Settembru 2001;

L-imputat Silvio Camilleri akkuzat ukoll li sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza tat-3 ta' Mejju 2001.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni mahruga mill-Avukat Generali fil-konfront tal-imputati kollha sabiex huma jitressqu quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegbu ghall-akkuzi.

Rat l-kontro-ordni mahrug mill-Avukat Generali fil-konfront tal-imputati Silvio Camilleri u Elton Brincat sabiex huma jigu processati quddiem din il-Qorti;

Rat wkoll it-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront dawn l-ahhar imsemmija imputati

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Il-fatti tal-kawza huma illi fis-16 ta' Mejju 2003 instabet mill-Pulizija gewwa garaxx numru 232, Triq il-Bwieraq, Birkirkara, circa nofs kilo tar-raza tal-Cannabis flimkien ma' oggetti ohra relatati. Kienet infethet inkjesta, li tinsab esebita folio 24 et seq tal-process. Kemm mill-atti tal-inkjesta kif wkoll mill-provi jirrisulta li gewwa dan il-garaxx kien hemm t-tlett imputati u nstabu zewg blokkok tar-raza tal-cannabis, sikkina mahruqa, 'burner' b'xi karti u materjal tal-plastika. Minn fuq il-persuni tal-imputati gie wkoll elevat: pipa zghira minn fuq l-imputat Camilleri, u telefon cellulari minn fuq l-imputat Brincat. Jirrisulta li l-garaxx in kwistjoni kien b'kera ghand l-gia ko-imputat Buhagiar.

Mir-relazzjonijiet tal-espert forensiku nominat (relazzjoni folio 87 et seq u 182 et seq), u minnu ikkonfermati, nstabet evidenza f'ammont ta' tracci tad-droga meritu l-kawza fuq whud mill-oggetti li gew elevati, inkluz il-pipa li giet elevata minghand l-imputat Camilleri, waqt li fir-rigward iz-zewg blokkok instab li l-piz kien ta' 247.5 u 246.7 grammi rispettivament, kellha purita' ta' circa 40%, u l-kontenut taghhom, igifieri taz-zewg blokkok, kienet is-sustanza cannabis.

Illi mill-provi in atti m'ghandux ikun hemm dubbju dwar il-pussess tad-droga cannabis kemm mill-imputat Elton Brincat u kemm mill-imputat Silvio Camilleri. Wiehed anzi jista' jghid li dawn l-imputati gew skoperti 'in flagrante delicto'. Difatti u fil-verita' lanqas l-imputati stess ma jinnegaw il-pussess. Ghalhekk, u limitatament ghal din l-akkuza, l-imputati ghandhom jinstabu hatja. Mhux l-istess rigward l-akkuza li d-droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom. Il-prosekuzzjoni hawnhekk sostniet u bbazat din il-parti tal-akkuza fuq provi cirkostanzjali, desumibbli, skond hi, mill-ammont tad-droga li nstabet u l-precedenti taz-zewg imputati fis-sens li kienu qabel jikkunsmaw droga f'ammont mhux traskurabbli. Il-Qorti fliet il-provi biex tasal ghal gudizzju taghha u frankament ma tistax tasal ghall-istess konkluzjoni. Fil-fehma taghha l-provi semmai jippuntaw fid-direzzjoni opposta, cjoe', li d-droga kienet ghall-uzu esklussiv taghhom; il-provi fil-fehma taghha ma jwasslux sal-grad tal-konvinciment morali.

Dwar l-akkuza tar-recidiva diretta kontra l-imputat Camilleri dina tirrisulta mis-sentenza esebita u minnu accettata, waqt li l-akkuza diretta kontra l-imputat Brincat li kiser kundizzjoni imposta lilu minn Qorti ma treggix.

Ghaldaqstant qed tiddecidi u tiddisponi mill-kawza billi issib iz-zewg imputati hatja li fil-gurnata, lok u hin indikati fl-akkuza kellhom fil-pussess taghhom id-droga cannabis. Ghal finijiet ta' piena rat il-fedina penali rispettiva taghhom, qieset kif gabu ruhhom l-imputati tul il-kors tal-proceduri partikolarment fil-konfront tal-imputat Camilleri wara li nghata il-helsien mill-arrest, rat wkoll l-Artikolu 8(a) u 22 (2)(b)(ii) tal-Kap 101 u tiddecidi li tikkundanna lil imputat Elton Brincat ghall-multa ta' mitejn lira maltin (Lm200) u l-imputat Silvio Camilleri ghal prigunerija ghal zmien sitt xhur u multa ta' Lm200 b'dan li mill-perjodu ta' prigunerija ghandha titnaqqas dak li dan l-imputat gja ghamel taht arrest preventiv.

Il-Qorti qeghdha wkoll tinnomina ghall-imputat Silvio Camilleri ufficjal tal-probation u dana sabiex l-imputat jkun jista' jaghmel programm ta' rejabilitazzjoni. Il-perjodu tan-nomina jkun ta' tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------